MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2013

Appell Kriminali Numru. 458/2011

Il-Pulizija
(Supt. Norbert Ciappara)
vs
**Esron Pullicino**

iben Raymond, imwieled Pieta' fis-16 ta' Jannar, 1989, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 47989(M)

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat Esron Pullicino, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli f'dawn il-gzejjer, fil-lejl ta' bejn il-25 u s-26 ta' Frar 2006 u matul it-tlett xhur ta' qabel din id-data:

(1) kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta (ecstasy) minghajr awtorizazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tal- disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni

Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il- Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 ta’ l-1985, kif emendat;

(2) kellu fil-pussess tieghu r-raza mehudha rnill-pjanta Cannabis jew xi preprazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-artikolu 8(a) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-2 ta’ Novembru, 2011 fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 40A, 120A(1)(a), 120A(2)(b)(ii) u t-Tielet Skeda tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta’ Malta u ir-Regolament 3(1) tal-Avviż Legali 22 ta’ l-1985, l-Artikoli 8(a), 22(1)(a) u 22 (2) (b) (ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta u ir-Regolament 9 tal-G.N. 292 ta’ l-1939 ma sabitx lill-imputat hati ta’ l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u illiberatu minnhom.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali prezentat fil-11 ta’ Novembru, 2011 fejn talab li din il-Qorti jogħoġobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u wara li tqis bir-reqqa l-provi f'dan il-kaz, issib lill-appellat hati tal-akkuzi dedotti kontra tieghu u tinfliggi l-piena skont il-ligi

Rat l-aggravji tal-appellat u cioe':-

Illi l-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-sentenza liberatorja taghha hawn fuq riferita, *inter alia,* ghamlet apprezament zbaljat tal-provi kif migjuba, li fil-fatt wasslet ghal helsien tal-imputat mill-imputazzjonijiet kollha kif migjuba kontrih, u dan ghar-ragunijiet segwenti :

Illi, preliminarjament, jinghad ghal kull buon fini li dan l-appell jittratta biss is-sentenza finali u f'ebda mod ma hu qed issir appell mid-digriet ta' l-ewwel Onorabbli Qorti li nghatat fis-7 ta' Ottubru 2011.

Illi fl-ewwel lok, jirrizulta ampjament car mill-mod u manjiera kif svi1uppa l-kaz in kwistjoni u kif finalment

il-Qorti tal-Magistrati wasslet biex taghti s-sentenza finali u liberatorja, li l-provi li ngiebu quddiem dik l-Onorabbli Qorti ma gewx ezaminati skont ir-regoli tal-gbir tal-provi fil-proceduri penali. Fil-fatt, allavolja fid-digriet taghha din l-istess Qorti rriteniet li l-istqarrija ghandha tibqa parti mill-atti processwali rrispettivament ta' dak iddikjarat mill-Qorti Kostituzzjonali ddecidiet billi lanqas biss tapprezza l-kontenut u l-legalita' tal-istess u minflokk skartat din l-istqarrija minhabba l-lezjoni deciza mill-istess Qorti Kostituzzjonali.

Illi b'kull dovut rispett l-appellant jissottometti li semmai 1-ewwel Qorti kellha tiddeciedi l-piz tal-prova tenut kont ukoll tad-decide fis-sentenza kostituzzjonali li specifikament talbet il-prosegwiment tal-kawza skont il-ligi u li l-validita' u l-ammissibilta' tal-istqarrija tigi meqjusa mill-Qorti penali f'dak id-dawl. Meta l-ewwel Qorti skartat l-istqarrija minhabba l-lezjoni, effettivament hi marret kontra s-sentenza Kostituzzjonali li ironikament skont l-ewwel digriet taghha, hi ddikjarat li kienet *'ser issegwi skrupolozament',*

Illi l-ewwel Qorti kellha tanalizza jekk il-prova tal-istqarrija setghetx twassal ghas-sejbien ta' htija o meno tal-akkuzat konsiderando l-lezjoni fid-drittijiet tieghu li setghet b'xi mod ivvizjat dak li l-appellat stqarr hemmhekk. Kwindi l-Qorti kellha ssaqsi lilha nnifisha x'effett seta' kellu l-fatt li l-appellat irilaxxa l-istqarrija minghajr ma kien assistit minn avukat u kif dan il-fatt seta' jinfluwixxi fuq il-volontarjeta' tal-istqarrija tal-istess appellat. X'effett setgha kellu l-fatt li l-appellat kellu biss sbatax il-sena meta' rrilaxxa l-istqarrija tieghu fid-dawl ta' dak li stqarr u ta dak deciz mill-Qorti Kostituzzjonali?

Illi billi l-ewwel Qorti skartat l-istqarrija minhabba l-lezjoni, l-apprezzament tal-provi kif hi kien pretiz minnha li taghmel ma sarx u dan peress li hi f'ebda mod ma apprezzat il-kontenut tal-istqarrija migjuba quddiemha irrispettivament tal-fatt li ghazlet li tirritjeni dan id-dokument bhala parti mill-provi fil-kaz innifsu konsiderando wkoll li din l-istqarrija kienet finalment

ittiehdet skont il-ligi[1] in vigore dak iz-zmien u li permezz ta’ gurisprudenza nostrana konsiderando l-ammissjoni fiha, titqies ukoll bhala l-prova regina[2]. Dan anzi wassal sabiex il-Qorti tal-Magistrat tat rimedju hi ghall-lezjoni tad-dritt tas-smiegh xieraq tal-akkuzat, xi haga li semmai kellu jkun il-kornpitu tal-Qorti Kostituzzjonali. Kull ma kellha taghmel l-ewwel Qorti kienet li tqis jekk l-akkuzat hux lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni, hati jew le tal-akkuzi migjuba kontrih fid-dawl tal-provi kollha u in konsiderazzjoni kontestwalment ta’ dak li gie ritenut mis-sentenza kostituzzjonali. Wahda ma kinitx intiza li tiskarta lill-ohra.

Illi meta' wiehed iqis il-kontenut ta' din l-istqarrija jirrizulta li l-appellat ammetta minghajr lanqas ma gie mistoqsi jew pre-avzat dwar l-akkuzi kif migjuba kontrih. L-appellant ghal kull buon fini jfakkar il-Qorti li hu kien qed jigi mistoqsi dwar jekk ghandux vizzju tad-droga, u filwaqt li cahadha kategorikament, ammetta fl-istess nifs li kien ghamel uzu mill- ecstacy mill-gurnata precedenti u sussegwentement ammetta wkoll li ghamel uzu mir-resina tal-cannabis jew l-ismoke kif inhu msemmi fl-istqarrija stess. Huwa evidenti li l-akkuzat ghazel volontarjarnent li jaghti t-twegibiet li ta u dan jigi sostnut anki mill-fatt li l-validita' jew l-ammissibilta' tal-istqarrija ma giet qatt ikkontestata.

Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-sueccipit, l-argurnentazzjoni tal-appellant qed jigi sostnut ukoll in linea tal-artikolu 349(2) tal-Kodici Kriminali li jaqa taht it-titolu dwar is-setghat u d-dmirijiet tal-Pulizija Ezekuttiva fil-procedimenti kriminali u li fosthom jinkludu t-tehid ta' kampjuni u anki d-dritt tal-assistenza legali. Dan l-artikolu jinqara kif gej:

---

[1] Artikolu 658 tal-Kodici Krirninali

[2] Pulizija vs Richard Borg deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-18 ta' Settembru 2002, 'Hija regola kardinali tal-process kriminali li l-konfessjoni tal-hati l-‘prova regina’ u ma jistax ikollok prova aqwa minnha, dment li din tkun saret volontarjament u ma gietx imgieghla jew mehuda b' theddid jwl' b'biza, jew' b' weghdiet jew bi twebbil ta' vantagg u kull haga li l-imputat jew l-akkuzat jistqarr, sew bil-miktub kif ukoll bil- fomm, tista' tittiehed bi prova kontra tieghu.(Art. 658 Kap.9)'

*349.(1) Ufficjal tal-puliziia ghandu jkollu biss dawk is-setghat vestiti fih skont il-ligi u fil-limitu awtorizzat mil-ligi, u f'din id-disposizzjoni l-kelma ligi ghandha l-istess tifsira mohtija lilh l- artikolu 124 tal-Kostituzzjoni.*

*(2) L-onzmissjoni ta' xi kawzjoni, formalita' jew htiega preskritti taht dan it-Titolu m'ghandhom ikunu ta' ebda ostakolu biex tngieb prova, waqt il-kawza, b'mod pernzess bil-ligi, dwar il-fatti li ghandhom tkun tirrelata dik il-prekawzjoni, formalita' jew htiega.*[3]

Kwindi jekk qedghin nikkoncedu li l-appellat ma nghatax l-opportunita li jikkonsulta ma avukat u minhabba f'hekk hu qieghed lilu nnifsu f'posizzjoni pregudikanti li setghet tinkriminah u li kwindi wasslet ghall-lezjoni tad-drittijiet tieghu, tali ommissjoni ta' formalita jew htiega mhuwiex ostakolu ghall-ammissibbilita tal-provi u kwindi l-Qorti ma setghetx ma tapprezzax din il-prova u sempliciment tiskartha' minhabba n-nuqqas tal- prezenza tal-Avukat *fil-pre-trial stage,* iktar u iktar meta lanqas biss kienet rikjesta mill-ligi ta' dak iz-zmien li din issir *ad obligatem.* Dan ma jfissirx li jekk il-pulizija tonqos milli thares xi wahda minn dawn il-formalitajiet hi ma tkunx responsabbli ghan-nuqqasijiet da parti taghha izda lanqas ma jfisser li fin-nuqqas taghhom il-prova li tkun ingabret fiha nnifisha tispicca fix-xejn.

Illi kien ghalhekk li l-ewwel Qorti kellha tapprezza l-kontenut ta' din il-prova u tapprezza l- piz jew pern taghha fid-dawl tal-lezjoni kif iddikjarata fis-sentenza Kostituzzjonali. Meta sempliciment skarat il-prova tal-istqarrija a bazi tal-lezjoni ddikjarata mill-Qorti Kostituzzjonali, minghajr lanqas ma kkunsidrat u analizzat il-kontenut taghha, l-ewwel Qorti ghamlet il-kontra ta' dak li tishaqq id-disposizzjoni hawn fuq ikkwotata. Dan huwa iktar ironiku meta l-istess Qorti rrikonoxxiet li jekk il-Qorti Kostituzzjonali riedet tannulla

[3] emfazi tal-appellant.

jew tisfilza l-istqarrija bhala rimedju, kienet taghmel dan kategorikament u mhux tibghat l- atti lura lill-Qorti penali ghall prosegwiment u *kontinwazzjoni* tal-kaz de quo.

Illi ma kienx il-kompitu ta' l-ewwel Qorti li tirrimedja flok il-Qorti Kostituzzjonali specjalment minhabba l-fatt li l-Qorti Kostituzzjonali tista tirrikonoxxi ksur tad-drittijiet fundamentali minghajr ma tirrimedjah *(just satisfaction).* Din ic-cirkostanza fil-fatt irrizultat fil-kawza Kostituzzjonali fl-ismijiet *Pulizija vs Noel Arrigo et* fejn dik l-Onorabbli Qorti ddecidiet li kien hemm lezjoni izda ma tat l-ebda rimedju effettiv apparti li *'titqieghed kopja ta' dan il-gudika fl-atti tal-process kriminali fl-ismijiet 'Pulizija vs Dr. Noel Arrigo LL.D. et illi fih ir-referenza kostituzzjonali odjerna' .*[4] Effettivament allavolja giet iddikjarata din il-lezjoni, il-kaz kontra l-akkuzati Arrigo u Vella kompla skont il-ligi penali u sa fl-ahhar gew misjuba hatja u ggudikati mill-Qrati penali u konfermati f'istadju ta' appell fil-kaz tal-Prim Imhallef emeritus Noel Arrigo. Ma kien hemm l-ebda jedd da parti tal-Qorti Kriminali jew penali li tipprovdi rimedju flok il-Qorti Kostituzzjonali ghas-sentenza ta' lezjoni moghtija mill-istess. Il-lezjoni giet rikonoxxuta u l-proceduri tkomplew skont il-ligi minn hemmhekk il-quddiem.

Illi kwindi jidher car li mhux talli sar apprezzament hazin tal-provi migjuba izda li sahansitra l-Qorti naqset kategorikament li tqis il-provi kollha migjuba quddiema kif kienet pretiza li taghmel skont il-ligi, u liema nuqqas wassal ghall-liberatorja ingustifikata tal-appellat li finalment kien ammetta ghall-akkuzi migjuba kontrih di *sua sponte.* Fil-waqt li s-sentenza Kostituzzjonali fl'ebda mod ma hi qed tigi minimazzata anki fid-dawl tal-lezjoni tad-drittijiet tieghu, din l-ammissjoni tibqa li hi u ghandha tigi meqjusa bhala tali. In-nuqqas ta' apprezzament ta' l-

---

[4] Qorti Kostituzzjonali. Onor Imhallef Anton Depasquale, Onor Imhallef Albert J. Magri u l-Onor Imhallef Geoffrey Valenzia, deciza fid-29 ta' Ottubru 2003.

ewwel Qorti u l-konkluzjonijiet ghas-sentenza liberatorja taghha indubjament ma jirrapprezentawx apprezzarnent siewi tal-provi prodotti li kwindi ma jiggustifikawx il-konkluzjonijiet tas-sentenza appellata anke fid-dawl tas-sentenza Kostituzzjonali.
Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi hu principju stabbilit fil-gurisprudenza ta’ din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezeament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghal konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha.  Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tibbdilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi maghmula mill-ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit ta’ l-istess biex tara jekk l-ewwel Qorti kinitx ragonevoli fil-konkluzjoni taghha.  Jekk din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura dik tkun raguni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni. F’dan il-kuntest wiehed jista jara s-segwenti sentenzi:

Ir-Repubblika ta’ Malta v. George Azzopardi deciza fl-14 ta’ Frar, 1989;
Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace deciza fil-31 ta’ Mejju, 1991;
Il-Pulizija v. Raymond Psaila u Edward Ellul deciza fit-12 ta’ Mejju, 1994;
Il-Pulizija v. Amadeo Brincat u Martin Dimech deciza fis-6 ta’ Gunju, 1994;
Il-Pulizija v. Carmelo Schembri deciza fit-28 ta’ April, 1995; u
Il-Pulizija v. Ezzawi Mehemed deciza fit-3 ta’ Novembru, 1995; kollha appelli kriminali.

Illi maghmula din il-konsiderazzjoni wiehed ghandu biex ighaddi ghall-ezami ta’ l-aggravji tar-rikorrenti u jaghmel analizi taghhom.

Illi fid-decizjoni li waslet ghaliha l-ewwel Qorti kellha l-konfort tas-sentenza kostituzzjonali li saret referenza ghaliha mill-appellant. L-insenjament ta’ dik is-sentenza hi cara daqs il-kristall u ma taghti lok ghal ebda nterpretazzjoni ohra ghajr li dik waslet ghaliha l-ewwel Qorti. L-appellant ma jistax jistrieh fuq il-fatt li kollox kien skont il-ligi ta’ dak iz-zmien. Illum l-affarijiet inbidlu radikalment u ma jiswa xejn ghall-appellant li jipprova jressaq ‘l quddiem argumenti li setghu kienu validi fi zminijiet ohra izda mhux illum.

Illi din il-Qorti ma ghandhiex bzonn li tespandi fuq ebda argumentazzjoni migjub mill-appellant. Il-pozizzjoni f’dawn il-kazijiet hi cara. Kieku kien hemm xi prova ohra ghajr l-istqarrija u l-ewwel Qorti ma ezaminat tali prova l-appellant kienu jkollu argument validu xi ressaq. Il-fatti ta’ dan il-kaz jistriehu kollu fuq l-istqarrija tal-appellat minuri u ma hemm xejn aktar.
Ghaldaqstant, ghal dawn il-motivi din il-Qorti tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------